**Minuti tal-445 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 16 ta' Frar, 2015**

Il-laqgħa bdiet fis-8.00 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Vella, s-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Mark Grech

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u s-Sur Joseph Agius (is-Sway) kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 229 u minflok il-kliem "ma kienetx irċeviet il-*flyers* relatati mal-attivita` tal-*Christmas Village"* jidħol il-kliem "kemm hi kif ukoll uħud mir-residenti ma kienux qed jirċievu l-*flyers* li jitqassmu mill-Kunsill."

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħames paragrafu ta' paġna 225 u minflok il-kliem "żewġ voti kontra" jidħol il-kliem "żewġ astenzjonijiet".

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fid-disa` paragrafu ta'paġna 224 u minflok il-kliem "Inqraw il-minuti" jidħol il-kliem "Is-Sur Joseph Agius qara l-minuti".

Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 228 u minflok il-kliem "li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella" jidħol il-kliem "li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici".

Il-minuti tal-444 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Matthew Balzan dwar inċident li allegatament kellu fi Triq Wied il-Għajn, fejn qed jintalab kumpens ta' €85.40 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li

ġarrab fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident.

Inqrat ittra mibgħuta flimkien ma' petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq Ġanni Bonavia f'Ħaż-Żabbar fejn talbu lill-Kunsill sabiex issir *road hump* fi Triq Ġanni Bonavia fil-viċinanzi ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni biex jagħmel *road hump* fi Triq Ġanni Bonavia.

Is-Sur Brian Spiteri qal li l-Programm Vokali u Strumentali mtella` mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar ser isir ġewwa s-Sala Notre Dame lejliet Ħadd n-Nies, nhar is-Sibt, 21 ta' Frar 2015.

Item 8 - Approvazzjoni tal-Financial Statements 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2014 - 31 ta' Diċembru, 2014. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament dawn il-*Financial Statements*.

Item 9 - Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sur Kyle Civelli huwa l-aktar kandidat addattat għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Kyle Civelli jiġi mpjegat mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

Item 8 - Abbozz tal-Estimi Annwali għas-Sena 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Abbozz tal-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2015. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Perit tal-Kunsill iħejji stima ta' kemm ser tiġi tiswa Triq il-Ġnien skont il-kuntratt li għandu eżistenti u jekk din tkun ogħla mill-prezzijiet attwali għal dan ix-xogħol tinħareġ sejħa għall-offerti għal dan is-servizz. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista` jikseb l-aktar prezz vantaġġjuż.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex meta jkunu qed isiru proġetti mill-Kunsill jitwaħħlu tabelli li juru li l-proġett ikun qed isir mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar.

Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratti:

Ġbir ta' Skart Domestiku (ZLC 5/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li ġew sottomessi għas-servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku mħallat (ZLC 5/2014). L-offerti kienu kif ġej:

Rati għal kull ġurnata (VAT inkluż)

| Nicholas Casha | Għallis | S Antnin | WM Environmental | Għallis | S Antnin |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena 1 | € 435 | € 425 | Sena 1 | € 388 | € 385 |
| Sena 2 | € 435 | € 425 | Sena 2 | € 388 | € 385 |
| Sena 3 | € 440 | € 430 | Sena 3 | € 395 | € 390 |
| Sena 4 | € 445 | € 430 | Sena 4 | € 395 | € 390 |

| David Grech | Għallis | S Antnin | Ronald Debono | Għallis | S Antnin |
|---|---|---|---|---|---|
| Sena 1 | € 332.00 | € 332.00 | Sena 1 | € 360.00 | € 350.00 |
| Sena 2 | € 332.00 | € 332.00 | Sena 2 | € 360.00 | € 350.00 |
| Sena 3 | € 332.00 | € 332.00 | Sena 3 | € 360.00 | € 350.00 |
| Sena 4 | € 332.00 | € 332.00 | Sena 4 | € 360.00 | € 350.00 |

| Saviour Mifsud | | |
|---|---|---|
| Sena 1 | € 400.00 | € 390.00 |
| Sena 2 | € 415.00 | € 400.00 |
| Sena 3 | € 420.00 | € 415.00 |
| Sena 4 | € 430.00 | € 425.00 |

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-avukat kien għadu ma tax il-parir legali dwar id-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jieħu deċiżjoni wara li jingħata l-parir legali u jkunu jistgħu jingħataw il-punti lil kull offerent kif hemm stipulat fl-offerta għall-Ġbir ta' Skart Domestiku.
Fit-8.40 ta' filgħaxija s-Sur Mark talab li jkun skużat.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li f'laqgħa oħra l-Kunsill ikollu l-pariri legali u tekniċi u tittieħed deċiżjoni finali.

Item 6 - Skeda tal-Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 20 ta' Jannar, 2015 sad-16 ta' Frar, 2015 li kien jammonta għal €29,522,35. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash* għax-xahar ta' Jannar, 2015 li kien jammonta għal €66.44.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-lista ta' kotba Żabbar – *A Living History* li ngħataw bħala *complimentary* bejn it-28 ta' Diċembru, 2013 u l-31 ta' Dicembru, 2014. Din

il-lista ġiet approvata unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li giet issekondata mis-Sur John J Pace.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis- Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu *written off* kompjuters antiki (LCZ00527 / LCZ00554 / LCZ00605 u LCZ00670) li l-Kunsill kien qiegħed juża qabel ma dawn ġew riċentament mibdula. Flimkien mal-kompjuters ġiet written off *electric kettle* (ZLC1197) mill-*Fixed Assets Register* peress illi m'għadhiex tajba u m'għandx għandha użu.

Fid-8.45 ta' filgħaxija is-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-Perit tal-Kunsill kien għadu ma marx jara x-xogħol dwar l-ilment li ressaq sabiex tiġi rranġata parti minn Triq San Ġużepp. Is-Sur Buttigieg sostna illi r-resident li joqgħod fid-dar *The Mumbles* qed jidħollu l-ilma tax-xita fil-*basement.*

Is-Sur Joseph Buttigieg qal li fuq inizjattiva tas-Sotto-Kumitat għall-Anzjani flimkien mas-Sindku kien żar lill-anzjani Żabbarin li ma joħorġux mid-dar.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-62 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's u dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kumitat Amministrattiv talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex issir *central strip* fil-*junction* ta' Triq Alessio Erardi ma' Triq ix-Xgħajra peress illi kien qed isir *parking* bl-addoċċ u s-sewwieqa, l-aktar dawk li jkunu ġejjin fid-direzzjoni tal-*area* ta' St Peter's, kienu qegħdin isibu ruħhom f'periklu kontinwu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li issir xi forma ta' *cental strip/ traffic island* fil-*junction* ta' Triq Alessio Erardi ma' Triq ix-Xgħajra.

Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Enemalta dwar introduzzjoni ta' *Local Councils Helpdesk,* servizz ta' għajnuna bl-*email* u bit-telefon dedikat speċifikament għall-Kunsilli Lokali biex tinkiseb għajnuna dwar ilmenti marbutin mas-servizz elettriku.

Item 11- Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill pjanta proposta minn Transport Malta sabiex jitressaq *bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi l-bankina ta' faċċata ta' dan il-*bus stop* kienet ser tinħareġ il' barra sabiex jinħoloq post għall-parkeġġ.

Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat illi kienu ser isiru *bollards* fi Triq il-Mina ta' Ħompesch quddiem il-*petrol stations* u quddiem *Scotts Supermarket* bil-għan li jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa.

Is-Sindku qal ukoll li kellu informazzjoni illi Triq San Ġużepp minn naħa taż-Żejtun kienet ser issir *one way* sabiex jitnaqqas il-periklu għas-sewwieqa.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar kumitat *ad hoc* sabiex isir studju dwar *traffic management* f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sindku qal illi r-residenti fi Triq il-Qaqocc kienu qed jilmentaw li kien qed isir parkeġġ bl-addoċċ u għalhekk qiegħdin jitolbu li jsiru *parking bays* fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

Is-Sindku qal illi kien attenda għal-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir għal *Day Shelter / Night Shelter* fiċ-Ċentru Ċiviku b'finanzjament taħt l-iskema għall-Proġetti Kapitali.

Is-Sindku qal ukoll li kien infurmat illi kienet ser tinbena dar fi Triq il-Ġilju f'Ħaż-Żabbar li ser tospita madwar sebgħa persuni bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sindku qal ili kien irċieva ittra mingħand avukat fejn impjegat tal-Kunsill kien qed jagħmel allegazzjoni kontra impjegat ieħor tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien bgħat din il-korrispondenza lid-Dipartimenti konċernati.

Is-Sindku qal li ġurnata wara nofsinhar il-Kunsill ser jibda jagħlaq sabiex isir xogħol ta' *filing*. Is-Sur Joseph Bonnici issuġerixxa illi l-bibien tal-uffiċini tal-Kunsill jiġu jinfetħu b'mod elettroniku.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix kienet waslet l-applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju qal illi l-applikazzjoni kienet qed tiġi proċessata mill-MEPA.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi hemm ħajt ta' għalqa fi stat perikoluż fi Triq Bieb is-Sultan.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien irċieva lmenti minn residenti dwar storbju li ġej minn apparat tal-ħanut *Southern Fried Chicken* fi Triq il-Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li fit-12 ta' Marzu, 2015 kienet ser issir ħarġa għall-anzjani f'San Martin *Restaurant* fil-Baħrija.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex tiġi rranġata tappiera li qiegħda tħabbat li qiegħda tħabbat quddiem ir-residenza 182 fi Triq is-Santwarju.

Is-Sinjura Anna Calleja ressqet quddiem il-Kunsill ilment li kienet irċeviet minn persuna li joqgħod fir-residenza bin-numru 41 fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi li talab sabiex jinbidel il-*control gear* tal-bozza li hemm fil-viċinanzi tar-residenza tiegħu peress illi qed imurlu d-dawl tad-dar tiegħu meta jinxtgħel id-dawl tat-triq.

Is-Sur Joseph Bonnici irringrazzja lil kull min intervjena biex il-lift ġie rranġat.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġi rranġat sprall iħabbat fi Triq l-Iskola fil-parti ta' bejn Triq il-Qalb Imaddsa u Triq Felice.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jerġgħu jiġu mwaħħla *bollards* li nqalgħu minn Triq Ġużeppi Pace.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex issir bozza ġdida mar-residenza numru 8 fi Triq San Anard.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex meta jkun hemm attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Kunsillieri kollha.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien attenda l-konferenza nazzjonali dwar l-abbuż tad-droga li kienet ġiet organizzata mill-Kunsill Lokali Swieqi. Is-Sur Agius qal illi l-konferenza kienet interessanti.

Is-Sur Joseph Vella talab kopja tal-mużika tal-innu ta' Ħaż-Żabbar sabiex jindaqq mill-Għaqda Mużikali Banda San Mikiel.

Is-Sur Joseph Vella ppreżenta quddiem il-Kunsill rendikont finanzjarju dettaljat tal-ispiża relatata mal-attivita` Jum Ħaż-Żabbar li tammonta għal €3,070.

Is-Sur Joseph Vella ressaq quddiem il-Kunsill rendikont finanzjarju tal-attivita` tal-Karnival 2015 liema spiża tammonta għal €1,650.

Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qiegħed f'arranġament sabiex is-servizzi li ser jiġu provduti mill-Berġa tas-Saħħa li ser tiġi rranġata fi żmien qasir jiġu varati fl-attivita` tal-Health Fest li ser tiġi organizzata f'Mejju, 2015.

Is-Sur John J Pace talab sabiex isir refresh ta' *reserved parking* fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Biċċieni.

Is-Sur John J Pace reġa' talab sabiex tinżebaħ mill-ġdid ir-*reserved parking* li hemm maġenb il-knisja.

Is-Sur John J Pace qal illi huwa lest li jagħti l-għajnuna tiegħu lil kull Kunsillier li jiġi bżonn l-għajnuna tiegħu.

<u>Item 11 - Aġġornament</u>

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu, 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-446 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 2 ta' Marzu, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku